**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 358/2015 MV**

**Michael Cauchi (ID 0524558M)**

**vs**

**Agius Photographic Services Limited (C47106)**

**Illum, 13 t'April, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tat-30 ta' Novembru 2015 permezz ta' liema Michael Cauchi talab lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba' t'elef hamsa u hamsin Euro u wiehed u goxrin centezimu (€7055.21) rapprezentant ammont dovut u kif indikat fl-istatement hawn anness. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra numru 1667/15 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-intimat huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi s-socjeta' intimata debitament notifikata fis-17 ta' Dicembru 2015 ma pprezentat l-ebda risposta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2016;

Rat in-nota tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet prezentata minn Dr. Josette Sultana fis-seduta tal-lum it-13 t'April 2016;

Rat illi fl-istess seduta l-partijiet talbu illi l-kawza tghaddi ghas-sentenza a bazi tal-istess ftehim u li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici tar-rikorrent fl-ammont ta' sebat'elef Ewro (€7,000), liema somma ghandha tithallas f'pagamenti mensili, bl-ewwel pagament pagabbli f'Awissu elfejn u sbatax (2017) u liema somma ghandha tithallas in toto u ghas-saldu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti sa l-ahhar ta' Dicembru elfejn u ghoxrin (2020). Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur